MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1599/1998/1

**Salvu CAMILLERI**

**vs**

**Nicholas CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Lulju, 1998, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut ottjena sentenża kontra l-attur mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ġiet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet inversi fil-25 ta' Mejju, 1998;

Illi fl-istess kawża kien hemm ix-xhieda determinanti tal-konvenut odjern Nicholas Camilleri illi qal li r-raba kien iddawwar fuq ismu minn missieru pero' fil-fatt dan ma kienx minnu;

Illi tali xhieda hija assolutament falza u tistrieħ fuq ingann magħmul minn riċevuti illi bit-trapass taż-żmien baqgħu jirrepetu żball oriġinali;

Illi tali ċessjoni setgħet biss issir in forza ta' skrittura privata liema skrittura privata ma teżistix;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li x-xiehda ta' Nicholas Camilleri mogħtija fil-kawża deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet inversi fil-25 ta' Mejju 1998 hija falza fil-partijiet sostanżjali u cioe' fejn jingħad illi l-konvenut kellu mdawwar fuq ismu r-raba msejjaħ ta' San Teodoru fil-limiti tas-Siġġiewi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fil-25 ta' Novembru, 1998, li biha l-imħarrek Nicholas Camilleri eċċepixxa:

1. Illi l-għalqa Tal-Barumbara fil-kuntrada ta' San Theodoru limiti tas-Siġġiewi ta' ċirka ħamest itmiem u sitt kejliet hija mqabbla lil Nicholas Camilleri mill-Joint Office u anteċedentement mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u ilha hekk lilha mqabbla lilu għal ċirka tletin sena, liema qbiela ilha titħallas minnu;

2. Illi l-konvenut ġie rikonoxxut mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta meta l-gabillott anteċedenti Giuseppe Cutajar dawwar l-imsemmija qbiela fuq il-konvenut kif jirriżulta mill-istess dokumenti arkivjati fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta li għandha riferenza numru 970100310032;

3. Illi b'sentenża deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 1998 ġie deċiż illi l-attur Salvatore Camilleri għandu jiġi żgumbrat mill-imsemmija għalqa li kien qed jaħdem b'mera tolleranza ta' ħuh;

4. Illi din il-kawża ġiet intavolata sempliċement għad-dewmien bl-intiża li s-sentenża esekuttiva fuq imsemmija ma tiġix esegwita peress illi b'rikors fl-atti tal-Mandat 1322/98 (DS) preżentat fil-Qorti tal-Maġistrati l-atturi talbu s-soprasessjoni għall-esekuzzjoni tal-mandat esekuttiv li pero ġie miċħud mill-Qorti tal-Maġistrati b'digriet tagħha tad-9 ta' Novembru 1998;

5. Illi mhux minnu illi ebda xhieda mogħtija hija falza għax jirriżulta mill-provi dokumentarji illi l-għalqa fuq imsemmija hija mqabbla mill-Joint Office lill-konvenut u mhux lill-attur kif ġie ampjament ippruvat;

6. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta' Ġunju, 1999[1], li bih ordnat li jiġu mehmuża l-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Nicholas Camilleri et vs Salvatore Camilleri et*" (Ċitazz. Nru. 711/95) maqtugħa mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-21 ta' Mejju, 1998;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u kif ukoll il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Frar, 2003[2], u b'mod partikolari d-diversi dikjarazzjonijiet magħmulin mill-avukati tal-partijiet dwar ġrajjiet jew fatti marbutin mal-każ;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-attur fil-21 ta' Marzu, 2003[3], flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-imħarrek fid-9 ta' Mejju, 2003[4];

---

[1] Paġ. 13 tal-proċess
[2] Paġ. 55 tal-proċess
[3] Paġġ. 57-8 tal-proċess
[4] Paġġ. 60-1 tal-proċess

Rat il-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Mejju, 2003, b'mod partikolari fejn l-attur talab żmien biex jirregola ruħu dwar id-dokument imressaq minnu flimkien man-Nota ta' Osservazzjonijiet tiegħu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri mressqa mill-attur fil-15 ta' Lulju, 2003[5];

Rat id-Degriet tagħha tal-25 ta' Settembru, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni li xhieda mogħtija mill-imħarrek f'kawża bejn il-partijiet kienet falza f'partijiet determinanti tagħha. Dik i x-xhieda ngħatat f'kawża dwar titolu ta' qbiela ta' raba' fil-limiti tas-Siġġiewi u kienet tirrigwarda t-trasferiment tat-titolu għal fuq isem l-imħarrek;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi ċaħad li ta xi xhieda falza u li t-titolu għar-raba' in kwestjoni kien tassew jappartieni lilu;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> u mill-atti l-oħrajn mehmużin magħha rilevanti għall-każ, jirriżulta li l-partijiet huma aħwa. L-imħarrek (u martu) kienu fetħu kawża[6] kontra l-attur (u martu) f'Lulju tal-1995, biex jitolbuhom joħorġu mill-għalqa magħrufa bħala "Tal-Barumbara" fil-qasam magħruf bħala Ta' San Teodoru, fil-limiti tas-Siġġiewi. It-talba ntlaqgħet b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-14 ta' Lulju, 1997[7]. Tressaq appell mill-attur (tal-lum) minn dik is-sentenza, imma l-Qorti tal-Appell Inferjuri ikkonfermat id-deċiżjoni ta' qabel b'sentenza mogħtija fil-21 ta' Mejju, 1998. L-imħarrek (tal-lum) beda jesegwixxi dik is-sentenza u f'Lulju, 1998, infetħet din il-kawża;

---

[5] Paġġ. 64-5 tal-proċess
[6] Avviz Nru. 711/95MM
[7] Paġġ. 73-5 tal-atti tal-kawża Nru. 711/95

Illi għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-azzjoni tal-lum irid jingħad minnufih li m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fil-kwestjoni ta' titolu għar-raba' in kwestjoni. Dik hija kwestjoni li ġiet determinata mill-qrati kompetenti u saret ġudikat. Ukoll jekk, kif jgħid l-attur fis-seba' (7) paragrafu tad-Dikjarazzjoni tiegħu, l-azzjoni preżenti hija "preordinata għal ritrattazzjoni tal-istess kawża oriġinali", jibqa' dejjem mifhum li l-**mertu waħdieni li din il-Qorti hija mitluba tqis** huwa dak dwar jekk l-imħarrek Nicholas Camilleri xehedx il-falz fuq il-kwestjoni ta' kif iddawwar ir-raba' għal fuq ismu. Biex tagħmel dan l-eżerċizzju, il-Qorti sejra tqis ix-xhieda mogħtija fil-kawża fuq imsemmija b'dan il-għan u mhux biex tikkonsidra mill-ġdid il-kwestjoni ta' titolu;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li b'"falz" wieħed irid hawn jifhem "xi ħaġa li ma taqbilx mas-sewwa" u mhux sempliċement "xi ħaġa li l-parti ma taqbilx magħha" jew li ħaddieħor jaraha b'mod ieħor. Fi kliem ieħor, biex jista' jintwera li ngħad il-falz taħt ġurament irid jintwera li xi fatt imieri dak li ngħad. Tali fatt irid jirriżulta mill-atti u mhux jissemma biss bħala argument. Li kieku kien hekk, u l-fehma li ma taqbilx kienet tista' titqies bħala "falz", kieku jista' tassew jingħad li ma teżistix kawża mqar waħda fejn ma jingħadx il-falz !;

Illi x-xilja li l-imħarrek xehed il-falz saret mill-attur u għalhekk jaqa' fuqu l-obbligu li jipprova dak li jallega. Biex isostni din l-allegazzjoni, l-attur joqgħod fuq ix-xhieda mogħtija mill-imħarrek quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fit-22 ta' Jannar, 1996[8]. Hemmhekk huwa kien xehed li r-raba' dar fuq ismu mingħand il-gabillott Ġużepp Cutajar li għandu r-raba' kien imqabbel. Dan kien seħħ f'xi żmien qabel Marzu tal-1973 meta nħarġet l-ewwel riċevuta fuq isem l-imħarrek mis-sid ta' r-raba' ta' dak iż-żmien. Huwa kien qal li missieru kien dawwar ir-raba' kollu li kellu jgħajjat lilu lil ħuh Salvu (l-attur tal-kawża tal-lum) qabel kien ġara dan, u li kemm missieru u kemm Salvu kienu tħallew jaħdu r-raba' "Tal-Barumbara" bi pjaċir tiegħu (ta'

[8] Kopja traskritta f'paġġ. 17-9 tal-proċess

Nicholas) minħabba li hu kien dak iż-żmien jaħdem bħala xufier ta' *private*. Minn din ix-xhieda, l-attur jislet l-argument li dak inhar ħuh Nicholas xehed falz għaliex jgħid li fiż-żmien li Nicholas qal li Ġużepp Cutajar dawwar ir-raba' fuqu, dan tal-aħħar kien ilu mejjet bosta żmien. Biex isostni dan, l-attur hemeż kopja ta' estratt ta' Att tal-Mewt man-Nota tiegħu[9]. Minbarra dan, jirreferi wkoll għal għadd ta' xhieda li qalu li r-raba' kienu jarawh jinħadem minnu (l-attur) u mhux mill-imħarrek (Nicholas). Semma wkoll in-nuqqas ta' dokument taċ-ċessjoni bħala xhieda li ħuh Nicholas ma qalx is-sewwa;

Illi, fit-tieni Nota tiegħu, l-attur jagħmel riferenza għal dokumenti marbutin mal-ħlasijiet tal-qbiela, u b'mod partikolari r-reġistru miżmum minn Monsinjur Spiteri biex jirreġistra l-ħlasijiet[10]. Minn dawn id-dokumenti jislet l-argument li l-falzita' tax-xhieda ta' Nicholas Camilleri toħroġ ċara għaliex l-imsemmi Monsinjur kien iniżżel isem Ġiovanni Camilleri u Antonio Paċe bħala l-persuni li kien jħallsu;

Illi l-Qorti fliet b'reqqa x-xhieda kollha mressqa (kemm f'din il-kawża u kif ukoll dik rilevanti fil-kawża oriġinali) u ssib li l-argument tal-attur ma jwassal bl-ebda mod biex juri li l-imħarrek xehed il-falz. Fl-ewwel lok, l-attur jaħli l-biċċa l-kbira mill-ewwel Nota tiegħu b'argument tal-impossibilita' taċ-ċessjoni favur Nicholas Camilleri, billi jirreferi għal persuna bl-isem ta' Ġużeppi Caruana. Fix-xhieda tiegħu fil-kawża oriġinali, l-imħarrek Nicholas Camilleri xehed li r-raba' kien dawru fuqu ċertu Ġużeppi Cutajar u mhux Ġużeppi Caruana. Minbarra dan, isem Cutajar huwa annotat ukoll fuq ir-reġistru tal-Monsinjur b'rabta ma' Carmelo Caruana.Kien l-attur innifsu li stqarr ukoll fil-kawża oriġinali li r-raba' kien jgħajjat lil Cutajar żmien qabel;

Illi fit-tieni lok, bħalma bosta kienu x-xiehda fl-ewwel kawża li qalu li kienu jaraw lill-attur Salvu Camilleri jaħdem ir-raba' daqstant ieħor kien hemm xiehda oħrajn (per

[9] Dokument f'paġ. 59 tal-proċess
[10] Dokti "SC4" sa "SC6", f'paġġ. 43-4 tal-proċess

eżempju, omm il-kontendenti[11]) li qalu li t-titolu tar-raba' kien tal-imħarrek jew li qatt ma kien ta' missier il-kontendenti. Dawn il-verżjonijiet ma setgħux ma ġewx meqjusa u mwieżna mill-Qorti (fiż-żewġ gradi) fil-kawża oriġinali u l-kompitu ta' din il-Qorti huwa biex tara jekk dak li xehed l-imħarrek Nicholas Camilleri f'dik il-kawża jidhirx li m'huwiex minnu. Apparti li l-Qorti fil-kawża l-oħra emmnet il-verżjoni tal-imħarrek, il-fatt li għadd ta' nies jgħidu li kienu jaraw lil Salvu Camilleri jaħdem r-raba' u mhux lil ħuh Nicholas, ma tfisser xejn għal dak li jirrigwarda t-titolu: Nicholas Camilleri nnifsu stqarr li lil ħuh u wkoll lil missieru kien iħallihom jaħdmu r-raba' tiegħu huma bi pjaċir. Dan ma jindika l-ebda stqarrija falza dwar kif l-imħarrek seta' kiseb it-titolu tiegħu għar-raba' in kwestjoni;

Illi mbagħad id-dokument li jistrieħ fuqu ħafna l-attur jagħti ħjiel li kien isir iżjed minn ħlas wieħed ta' qbiela kull sena minn iżjed minn persuna waħda lill-amministratur dwar dak ir-raba'. Minn dak it-tagħrif, ma jistax jingħad li ħlas magħmul minn Nicholas Camilleri kien tabilfors ħlas dwar xi raba' li seta' għadda għand l-attur mingħand missieru, ukoll jekk tali raba' kien jagħmel parti mill-imsemmi qasam. Għall-kuntrarju, jidher li f'sena partikolari kienu jsiru żewġ ħlasijiet (wieħed fl-Għid il-Kbir u l-ieħor fil-Milied). Fil-każ ta' Nicholas Camilleri, l-ħlas kien isir fi żmien il-Milied, u dan jaqbel ma' u jinsab korroborat mid-dokumenti relattivi li l-imħarrek ressaq sa minn żmien l-ewwel kawża;

Illi, fl-aħħarnett, dwar l-argument li ma ntweriet l-ebda kitba ta' ċessjoni, jrid jingħad li dan in-nuqqas ma jolqotx is-sewwa tax-xhieda tal-imħarrek dwar dak li seta' ġara bejnu u Cutajar. Is-siwi u l-ħtieġa tal-kitba taċ-ċessjoni kienet kwestjoni li tolqot id-determinazzjoni tat-titolu, liema kwestjoni kienet meqjusa mill-Qrati fl-ewwel kawża. Diġa' ngħad li x-xogħol ta' din il-Qorti ma hux li tisma' mill-ġdid jew tqis il-kwestjoni tal-mertu, imma li tara jekk l-attur seħħlux juri li l-imħarrek ħuh xehed falz fil-kawża l-oħra;

[11] Xhieda tal-20.2.1997 f'paġ. 59 tal-Atti tal-Avviż 711/95MM

Illi, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, l-attur ma seħħlux jasal għall-għan li għalih fetaħ din il-kawża u dan billi ma werihiex li kien hemm xi ċirkostanza li biha x-xhieda mogħtija mill-imħarrek kienet tassew falza fi grad determinanti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba attriċi** bħala mhix pruvata u mistħoqqa, bl-ispejjeż kontra l-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------